MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2015

Numru. 236/2014

**Spettur**

**Luke Bonello**

**VS**

**Jean Paul Fenech**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Jean Paul Fenech iben Paul u Antonia xebba Portelli, imwieled Pieta' nhar it- 3 ta' Gunju 1990 u residenti gewwa 74, St. Joseph, Triq San Bernard Marsa u detentur tal-karta ta' l-identita numru 305290(M);

Talli nhar it- 8 ta' Marzu 2014 ghall- habta tal- 04:45am, gewwa Triq San Gorg, San Giljan;

1) Ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PS 1540 Edmond Fenech, persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien qed jagħmel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
2) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel reżistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jagixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorità kompetenti;
3) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, fejn l-ammont tal-hsara ma jiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), ghad- detriment ta' Ps 1540 Edmond Fenech;
4) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi; mingħajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Ps 1540 Edmond Fenech f'periklu ċar, ikkaġuna hsara fil-ġisem jew fis-sahha ta' Ps 1540 Edmond Fenech, liema hsara hija ta' natura hafifa;

5) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi; hebb kontra Ps 1540 Edmond Fenech, sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara;
6) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi; volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi din il-kawza tittratta wahda mill-hafna incidenti li jinqalghu regolarment f' Paceville bejn iz-zghazagh u l-Pulizija. Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Fil-lejl ta' bejn is-7 u t-8 ta' Marzu, 2014, fis-sieghat bikrin ta' fil-ghodu, il-Pulizija kienet qed taghmel ir-ronda taghha f' Paceville meta persuna bl-isem Andre' Bonnet kienet qed tilmenta mal-Pulizija peress illi l-vettura taghha kienet qed tigi rmunkata u titnehha minn fejn kienet. L-

imputat intervjena bejn Bonnet u l-Pulizija, u spicca arrestat u mressaq b'dawn l-akkuzi.

Mill-provi prodotti l-Qorti hadet impressjoni li din il-kawza kibret lil hinn mill-proporzjon li kien jixirqilha. L-imputat stqarr li hu intervjena bejn il-habib tieghu Andre' Bonnet u l-Pulizija peress illi, skond hu, wiehed mill-Ufficjali offenda lil Bonnet. Hu cahad li refa' idejh fuqhom, izda spicca arrestat minnhom. Il-Qorti semghet ix-xhieda tal-Pulizija involuti fil-kaz, u ghalkemm jidher li l-imputat seta' kien aggressiv mal-Pulizija, ma taqbilx mal-verzjoni moghtija minnhom li hu qabad u xejjer daqqa lis-Surgent Fenech. Hija izjed propensa li temmen li kwalunkwe offiza li saret lis-Surgent saret accidentalment u bl-ebda intenzjoni da parti tal-imputat.

Ghalhekk il-Qorti ser issibu hati biss tal-ewwel u tal-hames imputazzjoni, li huma komprizi w involuti f'xulxin. Kwantu ghall-piena, peress illi dan kien incident li ma kellux ghalfejn jasal sa fejn wasal, il-Qorti sejra tapplika sanzjoni fil-komunita' minn flok piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 95, 96, 325(b), 221(1), 222(1)(c), 339(1)(d) u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4) u s-sitt (6) akkuzi u ghaldaqstant tilliberah minnhom.

Issib lill-imputat hati tal-ewwel (1) u l-hames (5) akkuzi u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------